# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 2 ta' Gunju 2022**

**Kawza Numru: 21**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 332/2022 JVC**

**Rupert Adrian Agius *sive* Rupert Adrian Agius-Pease (Passaport Malti numru 0974758)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Rupert Adrian Agius li permezz tieghu kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. “Illi l-esponent twieled f’Santa Venera, Malta fid-9 t’Awwissu 1962 u gie registrat bl-isem “Rupert Adrian Francis Xavier Carmelo Agius”(vide certifikat tat-twelid anness bhala Dok A);

2. Illi fis-sena 1990, l-esponent halla Malta sabiex mar jistudja gewwa l-Kanada u ffissa d-domicilju tieghu hemmhekk fejn anke` zzewweg;

3. Illi barra minn Malta, l-esponent irriskontra problem bil-fatt li ftit persuni jistghu jippronunzjaw il-kunjom “Agius” sewwa u allura, fis-16 ta’ Novembru 1998, huwa bidel il-kunjom tieghu ufficjalment ghal “Agius-Pease” permezz ta’ procedura ta’ “*Change of Name*” ossija *deed poll* (vide certifikat anness bhala Dok B);

4. Illi apparti l-bidla legali fil-kunjom li saret fil-Kanada, id-domicilju tal-esponent fiz-zmien relevanti, fil-hajja personali u ta’ kuljum tieghu, l-esponent huwa maghruf bl-isem “Rupert Adrian Agius-Pease” u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza u mill-provi prodotti;

5. Illi di più, id-dokumenti ufficjali, registrazzjonijiet u korrispondenza ufficjali kollha tal-esponent jirriflettu l-isem “Rupert Adrian Agius-Pease”. Fost dawn id-dokumenti huwa notevoli li wiehed isemmi li meta gie appuntat bhala Konslu Onorarju tar-Repubblika ta’ Malta ghal Ottawa, il-Kanada, id-digriet tal-appuntament igib kunjom l-esponent bhala “Agius-Pease” (vide Dok C). Il-kunjom huwa pperzentat bl-istess mod ukoll fil-passaport Kanadiz tal-esponent (vide Dok D);

6. Illi l-esponenti huwa ukoll fil-pussess ta' Passaport Malti mahrug mid-Direttur intimat lura fit-12 t'Awwissu 2010 li fih l-isem tal-esponenti huwa dikjarat ukoll bhala "Rupert Adrian Agius-Pease" (anness bhala Dok E);

7. Illi minkejja li kif appena espost f'certi atti u dikjarazzjonijiet ufficjali id-Direttur jidher li accetta *de facto* l-bidla fil-kunjom tal-esponenti meta huwa ttenta jgedded il-passaport Malti tieghu li skada fit-12 t'Awwissu 2020, huwa giet infurmat li skont ir-registrazzjonijiet ufficjali f'Malta, huwa ghadu registrat bl-isem "Rupert Adrian Francis Xavier Carmelo Agius" u sabiex issir tali korrezzjoni, trid titressaq talba gudizzjarja kif fil-fatt qed isir bil-kawza prezenti (vide korrispondenza annessa bhala Dok F);

8. Illi anke` meta irregistra z-zwieg tieghu f'Malta fit-23 t'Awwissu 2018, ic-certifikat ukoll inhareg jirrifletti l-kunjom "Agius-Pease" (vide Dok G);

9. Illi "Rupert Adrian Agius-Pease" huwa l-isem li l-esponent juza ghalih innifsu u li bih huwa konsistentement maghruf skont kif trid il-ligi;

10. Illi l-esponent, in vista tal-fatt li huwa cittadin Malti, ghandu l-interess li d-dokumenti ufficjali tieghu f'Malta jkun jirrispekkjaw dawk tieghu fl-esteru biex b'hekk tigi eliminata kull possibilita` ta' konfuzjoni fl-identita' tieghu.

Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi "Rupert Adrian Agius-Pease" huwa l-isem li l-esponenti juza ghalih u li bih huwa konsistentement imsejjah;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponenti, partikolarment ic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru konsekuttiv 5264/1962, biex b'hekk l-isem "Rupert Adrian Francis Xavier Carmelo Agius" ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit b'dak "Rupert Adrian Agius-Pease"."

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. "Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, innumerat 5264/1962, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi huwa twieled f'Malta, fid-9 t'Awwissu 1962, lil Thomas Michael Agius u lil Mary Agius, fiż-żwieġ, u li Rupert Adrian kienu iddikjarati bħala l-ismijiet li bihom huwa għandu jiġi msejjaħ. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mill-istess rikorrent;

4. Illi kien il-missier, Thomas Michael Agius, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrent u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħatawlu huma Rupert Adrian, Francis Xavier, Carmelo. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid oriġinali, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, fejn hemm ukoll il-firma tal-missier bħala l-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni relattiva;

5. Illi r-rikorrent ipproċeda bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu, stante illi huwa ddikjara li minkejja li assuma l-kunjom Agius mat-twelid, irriskontra problemi bil-pronunzja ta' kunjomu fl-esteru u għalhekk assuma l-kunjom 'Agius-Pease' permezz ta' *change of name deed*, biex b'hekk fil-ħajja ta' kuljum issa huwa konsistentement magħruf bħala Rupert Adrian Agius-Pease;

6. Illi l-esponent jeċċepixxi illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Liġi, huwa minnu wkoll li riċentement il-Qrati tagħna kienu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

7. Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn ma humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċiedew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha ssir: (i) il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) il-prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) il-prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni[1];

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

8. Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

9. Illi bla ħsara għall-premess, qed jiġi ċċarat illi l-att taż-żwieġ tar-rikorrent juri l-kunjom 'Agius-Pease' stante illi huwa bbażat fuq att esteru illi ġie rreġistrat f'Malta *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk l-esponent sempliċement ittraskriva *ad verbatim* id-dettalji li kienu indikati fuq l-att esteru;

10. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, fejn qed jintalbu korrezzjonijiet ta' "kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponenti", qed jiġi rrilevat illi d-Direttur intimat huwa responsabbli biss għall-atti tal-istat ċivili, u għalhekk ma jistax jintalab iwettaq korrezzjonijiet f'dokumenti li mhumiex fil-poter tiegħu;

11. Illi dejjem fir-rigward tat-tieni talba attriċi, in kwantu qed jintalab il-kanċellament tal-isem 'Rupert Adrian Francis Xavier Carmelo Agius', sabiex dan jiġi sostitwit bl-isem 'Rupert Adrian Agius-Pease', qed jiġi rrilevat illi r-rikorrent ma wettaq ebda tibdil f'ismu, u għalhekk m'għandu jkun hemm ebda annotazzjoni f'dan ir-rigward. Fl-att tat-twelid tiegħu, innumerat 5264/1962, hemm indikat illi 'Rupert Adrian' huma l-ismijiet li bihom huwa għandu jiġi msejjaħ. Fl-umli fehma tal-esponent, isegwi għalhekk illi kwalunkwe annotazzjoni li tista' tkun ordnata minn din l-Onorabbli Qorti għandha tirrigwarda biss il-kunjom tar-rikorrent;

12. Illi bla ħsara għall-premess, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu

indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrent għandu jispeċifika liema huma l-atti li fihom qed jintalab tibdil, permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

13. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni."

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 16 tal-process;

Rat illi mid-dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat jirrizulta illi isem ir-rikorrent kien u ghadu dak ta' Rupert Adrian, filwaqt illi kunjom ir-rikorrent gie mibdul permezz ta' *deed-poll* a fol. 5 tal-process minn Agius ghal Agius-Pease u dan f'Novembru tas-sena 1998;

Rat mill-kopja tal-passaport a fol. 7 tal-process, illi fil-passaport Kandiz ir-rikorrent huwa rikonoxxut bil-kunjom Agius-Pease;

Rat ukoll illi l-passaport Malti tar-rikorrent jirrikonoxxi l-kunjom Agius-Pease;

Rat illi c-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent jirrikonoxxi l-kunjom Agius-Pease u rat ukoll l-affidavit tar-rikorrent fejn ikkonferma dak gia espost fir-rikors guramentat.

Illi minn dak kollu suespost l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent sabiex jigi rikonoxxut bil-kunjom Agius-Pease hija gustifikata u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara u tordna illi "Rupert Adrian Agius-Pease" huwa l-isem li r-rikorrent juza ghalih u li bih huwa konsistentement imsejjah;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghar-rikorrent fil-limiti tal-poteri tieghu, partikularment ic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru konsekuttiv 5264 tas-sena 1962 biex b'hekk l-isem "Rupert Adrian Francis Xavier Carmelo Agius" jigi sostitwit ghal "Rupert Adrian Francis Xavier Carmelo Agius-Pease", filwaqt li tichad it-talba sabiex jigu kancellati l-ismijiet "Francis Xavier Carmelo" b'dana illi r-rikorrent ghandu jkun maghruf bl-isem ta' "Rupert Adrian" u bil-kunjom "Agius-Pease" filwaqt illi l-ismijiet "Francis Xavier Carmelo" jidhru bhala t-tieni, t-tielet u r-raba' isem fuq ic-certifikat tat-twelid;

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Gunju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Gunju 2022**